MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2009

Numru. 441/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR FABIAN FLERI**

**KONTRA**

**STEWART ABELA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Stewart Abela, bin Joseph u Maria nee’ Scicluna, mwieled Pieta, nhar id- 9 ta’ Mejju 1986, residenti fil- fond 15 El Hacienda Castaldi Street, Zabbar u detentur tal- Karta tal-Identita’ bin- numru 216486(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) Bejn it- 12 u t- 13 ta’ Marzu 2009, gewwa Marsaskala u/ jew Zabbar volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamel hsara f’mobile phone ta’ ghamla Samsung, liema hsarat huma ta’ €260 ghad- dannu ta’ Phylis Cassar detentrici tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 506490(M) u dan bi ksur tal- Artikolu 325(b) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

2) Aktar talli fit- 12 ta’ Marzu 2009 ghall- habta ta’ 22.20hrs gewwa l- Bajja ta’ San Tumas, Marsaskala, hebb ghal Phylis Cassar detentrici tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 506490(M) u kkagunalha griehi ta’ natura hafifa skond ma ccertifikat Dr. Elaine Desira Lauria mic- Centru tas- Sahha Floriana;

3) U aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il- bon ordni u l- paci pubblika b’ghajjat u glied;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

Rat il-verba ta’ llum, fejn il-Qorti giet infurmata li l-imputat kien hallas lill-parte civile ghas-saldu tal-pretensjonijiet taghha qabel ma nbdew il-proceduri, u b’hekk wera li ried jikkoopera ghall-hsara li hu wettaq;

**Ikkunsidrat:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 325(b), 221, 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.
Torbot lill-imputat b' garanzija tieghu nnifsu ai termini tal- Artikolu 383 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta ghal sena, favur Phyllis Cassar taht penali ta' hames mitt ewro (€500).

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------